MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 5/2013/1

**S B Auto Centre Ltd. C 16378**

**Vs**

**Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tas-socjeta` **S B Auto Centre Limited**ipprezentat fil-11 ta' Gunju 2013 fejn talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jirrevoka *in toto* d-decizjoni tal-Awtorita` intimata tal-11 ta' Dicembru 2012 fejn cahdet l-appell tal-istess socjeta` sabiex issir korrezzjoni f'zewg formoli tat-tmiem ta' impjieg sottomessi mill-istess socjeta` lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig u dan abbazi tal-fatt illi skond l-istess socjeta` l-istess decizjoni li hija wahda guridikament skorretta, irrita u nulla, u fit-tieni lok, in linja sussidjarja wkoll wahda assolutament ingustifikata;

Ra r-risposta tal-**Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol** ipprezentata fit-28 ta' Gunju 2013 fejn eccepiet is-segwenti:

"

1. *Illi in linea preliminarjament, l-esponenti tissottometti li l-azzjoni odjerna hija tardiva u dan peress li saret fuori termini l-għoxrin ġurnata (20) stabbiliti mill-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux jieħu konjizzjoni ta' dan l-appell;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari wkoll, l-esponent jeċipexxi li dan it-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni biex jisma dan l-appell u dan peress illi d-deċizjonijiet tal-Awtorita Nazzjonali tax-Xogħol huma deċiżjonijiet finali u għaldaqstant appell fuq il-mertu tal-każ ma jistax isir u dan ai terminu tal-Artikolu 4 (2) (e) tal-Kap 343 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jissottemetti li t-talbiet tal-intimat huma infondanti fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet:*

4. *Illi is-soċjeta rikorrenti kienet imliet termination application ta' żewġ ħaddiema tagħha u ċioe ta' Edmond Saliba u Dennis Pace (liema kopja tal-applikazzjoni hija hawn annessa u mmarkati bħala Dok AN 1 u Dok AN 2 rispettivament);*

5. *Illi s-soċjeta rikorrenti qed tgħid illi bi żball id-Direttur tas-soċjeta attriċi fl-applikazzjoni kien immarka 'Lack of work / Redundant' minflok 'Employed elsewhere';*

6. *Illi wieħed għandu jara s-scenario ta' meta kienet imtlit din l-applikazzjoni - fl-istess perjodu meta kienet imtlit din l-applikazzjoni kien hemm skema ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja bl-isem ta' Employment Aid Program (EAP) liema fondi kienu intitolati dawk li jiddikjaraw li kellhom xi ħaddiema iżda marru jaħdmu x'imkien ieħor u wkoll li kellhom żieda fi dħul tagħhom (net increase) meta ikkomparat mas-sena ta' qabel. Dawn l-imsemmija fondi ma kienux jingħataw lil dawk li jindakjaraw illi kellhom ħaddiema li ġew redundant;*

7. *Illi ma dan għandu jiżdied ukoll illi s-soċjeta rikorrenti kellha l-possibilita li temmenda l-applikazzjoni tagħha fi żmien għaxart ijiem minn meta din tingħata lil Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC). Wara l-għaxart ijiem, l-applikazzjoni ma tistax tinbidel ħlief b'appell quddiem l-Awtorita esponenti mid-deċiżjoni li tkun ħadet il-Korporazzjoni;*

8. *Illi is-soċjeta attriċi qatt ma ħadet l-inizjattiva li temmenda l-applikazzjoni tagħha fi żmien dawk l-għaxart ijiem u peress li kien għadda t-terminu mogħti lil permezz il-liġi, l-esponent ma kellux triq oħra għajr f'intavola appell quddiem l-Awtorita esponenti, liema appell kien ġie miċħud;*

9. *Illi fid-dawl tas-suespost l-allegazzjoni tar-rikorrenti, li n-nuqqas tagħhom sar biss bi żvista, ma tistax titqies kredibbli;*

10. *Illi fir-rigward ta’* ***l-ewwel aggravju*** *tar-rikorrenti, l-esponent jissottometti li dan huwa nfondatt stante illi kien Raymond Bajada innifsu li intavola appell quddiem l-Awtorita Nazzjonali tax-Xogħol minn deċiżjoni li ingħatat mill-Korporazzjoni ta’ Xogħol u Taħriġ għaldaqstant kien ġie spjegat mill-Korporazzjoni r-raġuni għala kienet ġiet miċħuda l-applikazzjoni tiegħu liema raġunijiet ma kinux inbiddlu;*

11. *Illi rigward* ***it-tieni aggravju*** *l-esponent jissottometti s-segwenti:*

12. *Illi kif ġa ġie indikat taħt l-ispjegazzjoni tal-ewwel aggravju, Raymond Bajada kien intavola appell mid-deċiżjoni li kienet ħadet il-Korporazzjoni u għalhekk kien jaf ben tajjeb fuq xiex kien ġie mħarrek. Dan kien l-uniku każ li Raymond Bajada kellu quddiem l-Awtorita u għalhekk ma seta’ kien hemm ebda lok ta’ dubju dwar il-każ fuq xiex kien;*

13. *Illi ma’ dan għandu jingħad ukoll, li peress li din l-applikazzjoni kien ħa jkollha konsegwenzi ulterjuri u kienet timmerita ċertu urġenza, rappreżentant tal-ETC kienet ikkuntatjat lil Raymond Bajada sabiex jaraw jekk l-imsemmi rikorrent kienx lest jinżel Malta sabiex tinstema quddiem l-Awtorita konvenuta;*

14. *Illi ġentilment Raymond Bajada ma kienx sab oġġezzjoni li jinżel Malta sabiex l-appell tiegħu jinstema’ hawnhekk flok ġewwa Għawdex;*

15. *Illi l-esponent ukoll kien ingħata ċans jagħżel il-ħin li kien tajjeb għalih peress li ried jattendi minn Għawdex;*

16. *Illi huwa ben magħruf illi meta xhud ikun ħa jiġi mħarrek biex jixhed qatt ma jiġi ikkuntatjat qabel tiġi iffissata s-seduta sabiex jiverifikaw data u ħin għal konvenjenza tiegħu, iżda jkollu jattendi biex jagħti x-xhieda tiegħu fuq ordni tal-Qorti / Tribunal / Awtorita li tkun qed tisma’ l-kawża;*

17. *Illi l-allegazzjoni li ma kienx ingħata l-opportunita li jsemma l-perspettiva tiegħu d-direttur tas-soċjeta attriċi hija nfondata, stante illi dak inhar illi mar quddiem l-Awtorita esponenti u ċioe fl-4 ta’ Diċembru 2012, Raymond Bajada ingħata l-opportunita kollha sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jsemma l-perspettiva tiegħu. Isewgwi għalhekk illi l-istess Bajada ġab a konjizzjoni tal’ l-Awtorita dak kollu li ħass li kellu jqajjem quddiem l-istess Awtorita;*

18. *Illi waqt is-smiegħ quddiem l-Awtorita esponenti kien hemm ukoll preżenti rappreżentant tal-Korporazzjoni ta’ Xogħol u Taħriġ (ETC) bħala l-parti appellata. Ir-Rappreżentant tal-ETC għamel is-sottomissjinijiet tiegħu mil-liema Raymond Bajada seta’ jirribati u kif fil-fatt għamel;*

19. *Illi l-appellant ingħata l-istess opportunita daqs l-ETC sabiex jiddefendi l-każ tiegħu u l-fatt fih innifsu li l-Awtorita ma tilqax ilment ma jfissirx li parti fi kwistjoni tkun b'xi mod imċaħħda milli ssemma leħinha fil-kawża;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, dan l-Onorabbli Tribunal għandha tiċħad it-talbiet tas-soċjeta attriċi, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-istess soċjeta attriċi."*

Ra id-dokumenti kollha esebiti;

Ra il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2013 fejn ir-rikors gie mholli ghat-trattazzjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata;

Ra il-verbal tal-14 ta' Frar 2014 fejn it-Tribunal sema' t-trattazzjoni tal-partijiet u r-rikors gie mholli ghad-9 ta' Mejju 2014 ghal sentenza preliminari dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet;

Ra l-verbal tad-9 ta' Mejju 2014 fejn ir-rikors gie mholli ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata ghal-lum.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-prezenti rikors is-socjeta` rikorrenti qieghdha tipprova timpunja decizjoni tal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol li ttiehdet fil-11 ta' Dicembru 2012 fejn cahdet it-talba taghha ghal korrezzjoni f'zewg formoli ta' tmiem tal-impjieg ta' zewg impjegati taghha u cioe Edmond Saliba u Dennis Pace.

Illi l-*iter* li hadet il-procedura qabel waslet quddiem dan it-Tribunal kien is-segwenti:-

Illi fit-30 ta' Ottubru 2009 gie fi tmiemu l-impjieg ta' zewg impjegati mas-socjeta` attrici. Illi r-raguni li nghatat fiz-zewg formoli tat-Tmiem ta' Impjieg li jinsabu esebiti bhala Dok AN1 u AN2 a fol. 14 u 15 tal-process hija *"lack of work/redundant"*. Illi tali formola waslet ghand il-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig fis-6 ta' Novembru 2009.

Illi s-socjeta` rikorrenti tallega illi bi zvista immarkat il-kaxxa tar-raguni tat-tmiem ta' impjieg taz-zewg haddiema taghha li turi *redundant* minflok *health reasons* u ghal dan il-ghan fid-19 ta' April 2012 kitbet ittra fejn inghatat din l-ispjegazzjoni u fejn intalbet korrezzjoni fil-formoli tat-Tmiem ta' Impjieg.

Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Novembru 2012, Raymond Bajada, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti, gie mitlub jidher quddiem l-Awtorita` intimata fl-4 ta' Dicembru 2012 sabiex jaghti x-xhieda tieghu fil-kaz imressaq minnu.

Illi permezz ta' ittra ohra datata 11 ta' Dicembru 2012 Raymond Bajada gie informat illi l-Awtorita` intimata ma laqghatx il-kaz tieghu u li dik id-decizjoni hija finali.

Illi sussegwentement, fil-11 ta' Gunju 2013, is-socjeta` rikorrenti ressqet l-appell odjern kontra l-istess decizjoni tal-Awtorita' ghar-ragunijiet premessi fl-istess rikors.

Illi l-Awtorita` intimata, eccepiet preliminarjament illi:

1. l-azzjoni odjerna hija tardiva peress li saret oltre l-ghoxrin (20) gurnata stabbiliti mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jisma' dan l-appell peress li d-decizjoniet tal-Awtorita` intimata huma decizjonijiet finali u dan ai termini tal-artikolu 4 (2) (e) tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal ihoss li ghandha qabel kollox tigi indirizzata t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata stante li qed tattakka proprju l-kompetenza ta' dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi r-rikors de quo.

Illi l-Awtorita` intimata tistrieh fuq l-artikolu 4 (2) (e) tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar is-Servizzi ta' Impieg u Tahrig) li jghid hekk:-

*"(2) Meta l-Awtorità taġixxi bħala tribunal biex tisma' appelli kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu preċedenti, il-provvedimenti li ġejjin għandhom, bla ħsara għal provvedimenti ta' kull regolamenti magħmula taħt l-artikolu 54, japplikaw:*

*(e) id-deċiżjonijiet tal-Awtorità dwar kull appell magħmul taħt dan l-Att ikunu finali."*

Illi ghalhekk il-Kapitolu 343 jqis id-decizjonijiet tal-Awtorita` intimata bhala inappellabbli. Madankollu is-socjeta` rikorrenti xorta ssostni li hija ghandha jkollha rimedju biex tattakka d-decizjoni tal-istess Awtorita`.

Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal is-soluzzjoni ta' din il-kwisjtoni tinsab proprju fil-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva). Illi permezz ta' dan l-Att giet stabbilita lista ta' tribunali amministrattivi li ghandhom jimxu skond il-Principji ta' Mgieba Amministrattiva Tajba.[1] Fost dawn it-Tribunali wiehed isib l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol. Illi kwindi l-Awtorita` intimata hija meqjusa bhala Tribunal Amministrattiv veru u proprju.

Min-naha l-ohra, it-Tribunal odjern gie mahluq permezz tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva u wkoll hu rikjest minnu li jimxi skond il-Principji ta' Mgieba Amministrattiva Tajba kif spjegati ahjar fit-Tieni Taqsima tal-istess Att. Illi t-Tribunal odjern huwa kompetenti li jirrevedi "atti amministrattivi" li ai termini tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 490 *"tinkludi l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika."* Dan it-Tribunal huwa wkoll kompetenti *"li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu riferiti lilu kemm-il darba* ***ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun diġà qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik it-tilwima."***[2]

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, id-decizjoni tal-Awtorita` intimata ma tistghax tigi klassifikata bhala "att amministrattiv" stante li hija decizjoni vera u proprja. Iktar minn hekk, l-istess Awtorita` intimata hija Tribunal Amministrattiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u kwindi dan it-Tribunal ma jistghax jissindika decizjoni taghha u dan kemm in linea mal-Kap 343 u anke mal-istess Kap 490 li b'mod car jghid li dan it-Tribunal m'ghandux jiddeciedi tilwimiet li jkunu qeghdin jiehdu konjizzjoni taghhom tribunali amministrattivi ohra jew xi qorti. Illi filwaqt li din il-kwistjoni m'ghadhiex pendenti quddiem l-Awtorita` intimata, pero l-intepretazzjoni logika hi illi anke jekk il-kwistjoni giet diga determinata minn tribunal amministrattiv iehor, allura dan it-Tribunal ma jkunx kompetenti li jirrevedi tali decizjoni.

Illi stabbilit illi dan it-Tribunal mhux kompetenti biex ikompli jinvesti l-mertu tar-rikors tas-socjeta` rikorrenti, l-istess Tribunal ihoss li jkun ezercizzju futili li jidhol fil-kwistjoni jekk l-appell giex intavolat tardivament jew le, stante li kif gia inghad ma seta' jsir l-ebda appell mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata. Pero, dan it-Tribunal josserva illi tant id-decizjoni tal-Awtorita` intimata mhix appellabbli quddiem dan it-Tribunal li lanqas ma jezisti terminu entro liema persuna aggravata tista' tintavola appell, u dan a differenza ta' ghadd ta' ligijiet ohra li jistabilixxu b'mod car entro liema terminu wiehed ghandu jintavola l-appell tieghu

[1] L-Ewwel Skeda tal-Kap 490
[2] Artikolu 7 tal-Kap 490

quddiem dan it-Tribunal jekk ihossu aggravat b'att amministrattiv imwettaq mill-amministrazzjoni pubblika.[3]

**DECIDE**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` intimata u jiddikjara ruhu inkompetenti biex ikompli jisma' u jitratta r-rikors intavolat mis-socjeta` rikorrenti u ghaldaqstant qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ezempju id-dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal taht l-Att Dwar it-Trasport (Kap 499), taht l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali (Kap 389); u l-Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap 368) fost ohrajn